**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 249/2023**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**-Vs-**

**STEFANO MONTEBELLO**

**Illum, 5 ta' Frar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **STEFANO MONTEBELLO** ta' 38 sena, iben Joseph u Pauline nee' Schembri li twieled ġewwa Pieta nhar is 06/07/1985, residenti ġewwa Blk 2, Flat 8, Tarag it-Tarznari Antiki, Bormla jew Blk H, Flat 6, Binja Hesri, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0052585M li tressaq quddiemha akkużat talli nhar it-22 ta' Marzu 2023 għall-ħabta ta' 12:15hrs u fil-ħinijiet ta' qabel ġewwa Bormla u f'dawn il-gżejjer:-

1. Għamilt inġurji jew thedid mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi Kriminali lil

Diana Degabriele jew, jekk kont ipprovokat, inġurjajt b' mod li ħrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ħebbejt sabiex tinġurja, iddejjaq jew tagħmel ħsara lil Diana Degabriele jew lil ħaddiehor , kemm- il darba l-fatt ma jkunx jaqa ' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1)(d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta ;

3. Aktar talli volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fuq il-Mobajl tad-ditta I Phone 14 Pro Max propjeta ta' Diana Degabriele, liema ħsara ma tisokorrix l-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250) u dan ai termini tal- Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b' xi mod mhux imsemmija band' oħra fil-kodiċi kriminali u dan ai termini tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ġewwa l-Gżejjer Maltin, naqas milli jħares il-kundizjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Charmaine Galea L.L.D. fid-digriet tagħha tal-21 ta' Novembru 2021 li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest u tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lilu u tordna l-arrest mill-gdid tal-istess Stefano Montebello u dan bi ksur ta' Artikolu 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex id-depożitu u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f' parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skond il-Qorti tqis il-gravita tar-reat.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Diane Degabriele u l-

familjari tagħha billi jiġu applikati l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta .

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali a tenur tal-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali biex il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja[1];

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża fis-seduta tal-25 ta’ Jannar 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat huwa mixli b’diversi akkużi fosthom theddid u ħsara volontarja fuq proprjeta’, in konnessjoni ma’ inċident li seħħ fit-22 ta’ Marzu 2023 ġewwa r-residenza fejn kien joqgħod dak iż-żmien ġewwa l-Bormla flimkien mas-sieħba tiegħu Diane Degabriele u l-familja tagħha. Ir-reati ġew allegatament kommessi fil-konfront tal-istess Diane Degabriele.

**Provi**

**Diane Degabriele**, għażlet li tipprevalixxi ruħha mid-dritt tas-silenzju li ngħatatlilha meta ġiet imħarrka biex tixhed quddiem il-Qorti, għaliex kienet akkużata fi proċeduri kriminali separati li kienu pendenti[2] dak iż-żmien, b’reati konnessi mal-istess fatti li

[1] Dok. CS1, paġna 5 tal-atti tal-kawża.
[2] Ara wkoll xhieda ta’ Leanne Sant, PS 2256, 27 ta’ Lulju 2023.

huma l-mertu tal-akkużi fil-proċeduri odjerni. Għalhekk, l-allegat vittma tar-reati, ma xehditx f'dawn il-proċeduri.

**Pietro Degabriele**, missier l-allegat vittma, xehed illi huwa ma jaf xejn fuq l-inċident fejn kien involut l-imputat u bintu għaliex ma kienx preżenti matul l-argoment innifsu li kien seħħ fid-dar tiegħu stess. Qal li huwa kien barra bil-qiegħda fuq it-tarġa u semagħhom jilletikaw bl-għajjat u jaf li ġewwa apparti l-imputat u bintu kien hemm ukoll iż-żewġ ulied minuri ta' bintu. Huwa daħal fid-dar u lill-imputat qallu biex iżomm il-kwiet u joħroġ 'il barra u beda jżomm il-bieb biex ma jerġgħax jidħol ġewwa. Ma ra l-ebda ħsarat fid-dar dak il-ħin, iżda ra lill-imputat ikisser il-mobile ta' Diane li huwa iPhone 14 u dan billi qabdu u tah mal-mejda tal-kompjuter. Sema' wkoll lill-imputat jgħidilha "*insibek u nsib it-tfal*". Imbagħad, huwa wassal lil Diane l-Għassa tal-Pulizija biex tagħmel rapport

**PS 2366 Jessica Degiorgio** xehdet illi fit 22 ta' Marzu 2023 għall-ħabta tal-11.40 a.m. persuna infurmat l-Għassa tal-Pulizija tal-Bormla li kien hemm argoment fi Triq San Franġisk, Bormla. Meta rikorriet fuq il-post rat lil Pietro Degabriele barra l-bieb tar-residenza tiegħu u rat ukoll lil Stefano Montebello li kellu ferita fuq moħħu u spjegalha illi kellu argoment ma' Pietro Degabriele. Min-naħa tiegħu Pietro Degabriele qalilha li Stefano kien qiegħed kontinwament jhedded lilu u lil bintu Diane Degabriele billi jgħidilhom li ser jaħraqhom. F'dan l-istadju Stefano kellu jiġi mwaqqaf għaliex beda javviċina lil Pietro u jheddu, u ġie nnotat li dak il-ħin Pietro mar jagħlaq il-bieb tar-residenza tiegħu għaliex bintu kienet qed tipprova toħroġ.

Meta tkellmet ma' Pietro Degabriele u bintu Diane, qalulha li Stefano, li kien jgħix magħhom, kien qed jheddidhom kontinwament u li lil Diane kien ħebb għaliha u kien jgħidilha li ser jaħarqilha it-tfal u jiskarnalha ż-żgħir, l-iktar wieħed li għandha għal qalbha, fejn hi kienet xeħtitlu mug li kien laqtu fuq moħħu. Fil-frattemp, Stefano Montebello kien ġie akkumpanjat l-Għassa u ġie ordnat biex ma jersaqx lejn ir-residenza tal-familja Degabriele.

**PS 2256 Leanne Sant** xehdet li rċeviet rapport mingħand Diane Degabriele u missierha Pietro Degabriele fit-22 ta' Marzu 2023 fis-sezzjoni tal-vjolenza domestika, liema rapport sar fil-konfront ta' Stefano Montebello fir-rigward ta' inċident li kien seħħ dakinhar stess. Diane Degabriele rrapportat li ġiet mheddha mill-imputat fosthom bil-kliem "*niskarnalek l-aħħar wieħed li għandek għal qalbek*" b'riferenza għat-tifel, u pprova wkoll jifgaha darbtejn. Qalilha wkoll li ser jaħarqilha l-karozza bit-tifel b'kollox u jekk titilqu jagħmlilha ħajjitha infern. Irrapportat ukoll li meta pprovat iċċempel l-Għassa għall-għajnuna, Stefano Montebello ħadilha l-mobile u kissirulha u mbagħad ipprovat iċċempel minn linja fissa, iżda kien qatagħlha l-linja. In segwitu, meta kienet għadha ġewwa r-residenza, irnexxileha ċċempel mill-mobile phone ta' missierha u dan fil-waqt li Stefano Montebello kien qed jistenna barra l-bieb tar-residenza u ma ħallihiex toħroġ għal madwar kwarta[3].

**Stefano Montebello, l-imputat**, ma ressaqx provi iżda kien ġie interrogat mill-Ispettur Colin Sheldon fit-23 ta' Marzu 2023 b'mod awdjo-viżwali u rrilaxxa stqarrija[4].

Madankollu, il-Qorti m'hijiex sejra tieħu konjizzjoni ta' din l-istqarrija tal-imputat u lanqas tax-xhieda tal-Ispettur Colin Sheldon safejn tista' tikkostitwixxi prova ta' xi konfessjoni jew stqarrija tal-imputat, għaliex minn imkien ma jirriżulta illi din l-istqarrija ġiet rilaxxata wara li l-imputat, li dak il-ħin kien evidentement qiegħed jiġi suspettat li kkommetta reat kriminali, ġiet rilaxxata wara li huwa ngħata d-drittijiet legali spettanti lilu a tenur tal-artikolu 534AB tal-Kap. 9.

L-artikolu 534AB(1) tal-Kap. 9 jistipola li għandu jkun id-dmir tal-Pulizija li tinforma lill-persuna suspettata bla ebda dewmien b'numru ta' drittijiet proċedurali, fosthom:

"*(a) id-dritt ta' aċċess għal avukat;*

[3] Ara rapport tal-okkorrenza, Dok. LS1.

[4] CD Dok. CS5.

*(b) kull dritt għal parir legali mingħajr ħlas u l-kundizzjonijiet għall-kisba ta' dak il-parir;*

...

*(e) id-dritt li jibqa sieket...*"

Imbagħad, is-subartikolu (2) tal-istess dispożizzjoni legali jipprovdi:-

*(2) L-informazzjoni pprovduta taħt is-subartikolu (1) għandha tingħata verbalment jew bil-miktub, b'lingwa sempliċi u aċċessibbli, b'kunsiderazzjoni għall-bżonnijiet partikolari tal-persuni vulnerabbli, suspettati jew akkużati fil-kuntest tal-artikolu 208AĊ(2).*

Fil-fatt, jirriżulta minn eżami ta' din l-istqarrija illi l-imputat ġie interrogat mingħajr ma ġie mwissi li għandu d-dritt tas-silenzju u d-dritt li ma jinkriminax ruħu.

Huwa minnu li, skont kif jirriżulta mill-istqarrija, l-imputat ingħata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u jirriżulta illi ħa parir qabel l-interrogazzjoni mingħand Dr. Franco Debono iżda bl-emendi li daħlu fis-seħħ bil-promulgazzjoni tal-Att LI tal-2016, il-leġislatur iddispona espressament li d-dritt ta' aċċess għal avukat, biex ikun konformi mad-dettami tal-artikolu 355AUA tal-Kap. 9 u biex id-drittijiet tad-difiża jitħallew jiġu eżerċitati b'mod prattiku u effettiv, għandu jfisser, in suċċint u *inter alia*:-

(a) il-persuna suspettata jew akkużata, jekk tkun għażlet li teżerċita d-dritt tagħha għall-assistenza legali, u l-avukat tagħha, għandhom ikunu infurmati bl-allegat reat li għalih il-persuna suspettata jew akkużata ser tkun interrogata. Dik l-informazzjoni għandha tingħata lill-persuna suspettata jew akkużata qabel ma tibda l-interrogazzjoni, liema ħin m'għandux ikun inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni;

(b) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li tiltaqa' u tikkomunika fil-privat mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż interrogazzjoni

minn qabel mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;

(c) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt lil-avukat tagħha jkun preżenti u jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni;

(d) l-interrogazzjoni, it-tweġibiet kollha li jingħataw għaliha u l-proċeduri kollha relatati mal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata, għandhom fejn hu possibbli jkunu rrekordjati b'mezzi awdjoviżwali u f'dak il-każ għandha tingħata kopja tagħhom lill-persuna suspettata jew akkużata wara li tkun intemmet l-interrogazzjoni;

(e) l-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jattendi għall-atti investigattivi jew ġbir ta' evidenza.

Ma jirriżultax minn din l-istqarrija jew mix-xhieda tal-Ispettur Colin Sheldon jekk l-imputat ingħatax d-dritt ta' **aċċess** għal avukat in konformita' mar-rekwiżiti appena msemmija, diversament mis-sempliċi dritt biex **jikkonsulta** ma' avukat.

Għaldaqstant, il-Qorti sejra tistħarreġ il-provi li ġew imressqa mill-Prosekuzzjoni mingħajr qies tal-prova tal-istqarrija tal-imputat – fejn evidentement għamel dikjarazzjonijiet ferm inkriminanti għalih - jew ta' kwalsiasi ħaġa li seta' stqarr waqt l-interrogazzjoni għaliex ma jirriżultax li din l-interrogazzjoni ġiet kondotta b'ħarsien tad-drittijiet kollha spettanti lill-persuna suspettata, illum imputat.

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, il-Qorti tqis li din ġiet sodisfaċjentement ippruvata mill-Prosekuzzjoni fil-grad meħtieġ għas-sejbein ta' ħtija kriminali fl-imputat. Pietro Degabriele xehed illi huwa kien preżenti meta l-imputat qal lil bintu, Diane Degabriele, "*insibek u nsib it-tfal*". Il-Qorti tosserva illi, kif xehed Pietro Degabriele, dan il-kliem ġie indirizzat lil Diane Degabriele fl-istess ħin li l-imputat kisser il-mobile ta' bintu iPhone 14. Għall-Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi hu ovvju li l-imputat kien qed jargumenta u jilletika ma' Diane

Degabriele u kliemu ġew akkumpanjati minn komportament aggresssiv u konsegwentement, ftit għandha dubju li l-kliem "*insibek u nsib it-tfal*" kien maħsub bħala theddida ta' ħsara għall-inkolumita' personali ta' ta' Diane Degabriele u wliedha.

Din il-konklużjoni hi msaħħa ulterjorment mix-xhieda ta' PS 2256 Leanne Sant li għalkemm tassew xehdet biss dwar dak li ġie rapportat lilha u għalhekk ix-xhieda tagħha tikkostitwixxi xhieda fuq kliem ħaddieħor, hija affermat li ġew rapportati lilha l-istess fatti u kliem li xehed dwarhom Pietro Degabriele *viva voce* quddiem il-Qorti bħala xhud okulari, ċioe' li l-imputat kien qal lil bintu li ser jaħarqilha l-karozza bit-tifel b'kollox, fost theddid ieħor.

Fir-rigward, il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda ta' PS 2236 Jessica Degiorgio li rikorriet fuq il-post fuq rapport li kien sar dwar l-argoment fir-residenza ta' Pietro Degabriele u rat b'għajnejha stess l-animu aggressiv manifestat mill-imputat ftit tal-ħin biss wara l-argoment li xehed dwaru Pietro Degabriele, fejn l-imputat kellu jiġi mwaqqaf għaliex beda javviċina lil Pietro Degabriele u jheddu tant illi kien mar biex jagħlaq il-bieb tar-residenza tiegħu biex bintu, Diane Degabriele li kienet għadha ġewwa r-residenza fejn kien għadu kif seħħ l-argoment mal-imputat, kienet qed tipprova toħroġ. Ix-xhud xehdet ukoll li wara li l-imputat ġie akkumpanjat l-Għassa tal-Pulizija tal-Bormla, Pietro Degabriele kompla jistqarr li l-imputat kien qed jheddidhom kontinwament u li lil Diane kien ħebb għaliha u kien jgħidilha li ser jaħarqilha it-tfal, u jiskarnalha ż-żgħir, l-iktar wieħed li għandha għal qalbha.

Għall-Qorti dan kollu magħdud ma tħalli ebda lok għal xi ekwivoku dwar l-imġieba tal-imputat fil-konfront ta' Diane Degabriele u missierha u dwar il-veraċita' tax-xhieda ta' Pietro Degabriele b'rabta mal-kliem ta' theddid li ntqal fil-konfront ta' bintu.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat fit-tieni imputazzjoni ġie mixli wkoll bir-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9, ċioe' li ħebb kontra Diane Degabriele sabiex jinġurja,

idejjaq jew jagħmel ħsara lilha jew lil ħaddieħor. Sabiex jikkostitwixxi dan ir-reat kontravvenzjonali, il-fatt ma jridx ikunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali. Issa kif rajna, l-uniku xhud li xehed quddiem il-Qorti dwar l-argoment bejn l-imputat u Diane Degabriele kien Pietro Degabriele, iżda minn eżami tax-xhieda tiegħu ma jirriżultax illi f'xi waqt huwa ra lill-imputat iħebb fiżikament għal Diane Degabriele għalkemm rah ikisser il-mobile phone tagħha billi sabbtu mal-mejda. Il-fatt li l-imputat ħebb għal Diane Degabriele jirriżulta biss mix-xhieda ta' PS 2256 Leane Sant dwar ir-rapport li rċeviet mingħand l-istess Diane Degabriele fejn irrapportat li l-imputat kien ipprova jifgaha darbtejn. Madankollu, peress li l-vittma ma xehdtix quddiem il-Qorti u l-fatt irrapportat minnha ma ġiex affermat mill-uniku xhud okulari fid-depożizzjoni tiegħu, il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat għal dan ir-reat kontravvenzjonali.

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta wkoll ippruvat illi l-imputat sabbat il-mobile phone ta' Diane Degabriele fit-22 ta' Marzu 2023: ir-rapport ta' Diane Degabriele lil PS 2256 Leanne Sant, li dwaru xehdet l-istess uffiċjal tal-Pulizija, hu konsistenti mal-verżjoni ta' Pietro Montebello li kif diġa' ngħad, kien preżenti waqt l-argoment bejn bintu u l-imputat u rah b'għajnejh lill-imputat jaqbad il-mobile phone tagħha tad-ditta iPhone 14, u jagħti bih fuq il-mejda.

Madankollu, il-prova tal-ħsara hi kompletament mankanti: il-mobile phone allegatament imkisser ma ġiex esebit u l-Qorti ma riskontrat ebda deskrizzjoni tal-ħsara li attwalment ġarrab dan il-mobile phone bid-daqqa li tah l-imputat, jew prova tal-istat li fih spiċċa bid-daqqa, permezz ta' ritratti jew dokument li juri l-valur tal-ħsara u l-ispejjeż għat-tiswija. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti filwaqt li hi sodisfatta mill-provi illi l-imputat tassew qabad dan l-apparat u tah daqqa fuq mejda fil-presenza ta' Pietro Montebello, ma tistax tkun moralment konvinta li ġarrab il-ħsara b'riżultat ta' din l-azzjoni del resto volontarja u deliberata tal-imputat.

Konsegwentement, il-provi ma jilħqux il-grad meħtieg għal sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-artikolu 325(1) tal-Kap. 9 addebitat fit-tielet imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Ġie mixli wkoll li volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku. Dan hu r-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

In tema ta' din il-kontravvenzjoni, il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-insenjament rapportat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza minnha mogħtija fil-5 ta' Mejju 2005[5] fejn trattat b'mod eżawrjenti l-elementi li jeħtieġu li jiġu ppruvati sabiex tista' tinstab ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali:-

"*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "***Il-Pulizija vs. Alfred Pisani***" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace" . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm* ***ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil***.

…

*U dik il-Qorti ziedet tghid li:- "Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):- "Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an*

[5] **Il-Pulizija v. Noel Tanti**.

*authority of general application." (p.985, para. 41-01). U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid:- "...although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance." (p.986, para. 41-04)* (emfasi ta' din il-Qorti)

Imbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claudio Overend**, deċiża fis-6 ta' Jannar 2012, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali riteniet hekk:-

"*Il-kuncett Ingliż ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk: '... The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell .... Watkins L.J. said: '.... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, **we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done'** (p.182).*" (emfasi ta' din il-Qorti)

Kif rajna mill-ġurisprudenza in materja, fuq ċitata, għalkemm mhux meħtieġa l-prova illi l-agir tal-imputat ikun attwalment nissel l-allarm f'persuna jew persuni oħrajn dwar l-inkolumita` fizika tagħhom jew inkolumita` tal-proprjeta` tagħhom, biex tiġi ravviżata ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali il-komportament tal-imputat irid ikun tali li jkun kapaċi fih innifsu jnissel dan it-tħassib jew allarm mill-inqas f'persuna waħda oħra dwar l-inkolumita` tagħhom.

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, il-Qorti tqis illi huwa manifest li l-komportament tal-imputat fil-prezenza ta' PS 2366 Jessica Degiorgio, kien kapaċi jnissel u effettivament nissel tħassib li kien ser iħebb għal Pietro Montebello. Kemm hu hekk, jirriżulta li l-imputat mhux biss beda jhedded lil Pietro

Montebello fit-triq barra r-residenza tiegħu ġewwa Triq San Franġisk, Bormla, talli pprova jħebb għalih tant illi l-uffiċjali tal-Pulizija li marru fuq il-post kelllhom iżommu lill-imputat u ġie ordnat ukoll biex ma jersqax lejn ir-residenza ta' Pietro Degabriele u Diane Degabriele. Dan il-komportament tal-imputat indubbjament kiser il-buon ordni pubbliku u kollox magħdud, hu biżżejjed biex jissodisfa l-elementi kollha tar-reat taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9. Għalhekk, l-imputat għandu jinstab ħati tar-raba' imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli li kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu b'digriet mogħti minn din il-Qorti (diversament preseduta) fil-21 ta' Novembru 2021. Madankollu, kif sewwa ġie rilevat mill-abbli difensur tal-imputat waqt it-trattazzjoni finali, ma nġiebet ebda prova ta' dan id-digriet għaliex ma ġiex esebit kopja tiegħu fl-atti proċesswali, wisq inqas kopja awtentika u legali. Dan ifisser li l-Qorti lanqas għandha prova li tassew dan id-digriet ingħata, jew li ngħata fil-21 ta' Novembru 2021, wisq inqas prova tal-kundizzjonijiet imposti fuq l-imputat għall-ħelsien mill-arrest u prova ta' f'hiex jikkonsisti l-ksur li allegatament seħħ fit-22 ta' Marzu 2023, id-data indikata fiċ-ċitazzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax issib ħtija għar-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena għaż-żewġ reati kontravvenzjonali li dwarhom qed issib ħtija fl-imputat, il-Qorti fehmet illi l-imputat fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reati kellu problema ta' abbuż tad-droga iżda minn dak iż-żmien 'l hawn, huwa beda jindirizza dan il-vizzju bis-serjeta', u f'Settembru 2023 beda l-fażi residenzjali tal-programm offrut mill-Aġenzija Caritas. Mix-xhieda ta' Nicoletta Farrugia jirriżulta illi huwa rrisponda tajjeb ħafna għal dan il-programm u l-andament tiegħu kien ferm pożittiv, tant illi ingħata responsabbilitajiet fil-komunita' ta' San Blas u wettaqhom kif imiss, u f'Marzu ta' din is-sena sejjer jgħaddi għall-fażi semi-residenzjali. Il-Prosekuzzjoni

fit-trattazzjoni finali wkoll ikkonċediet illi l-imputat illum huwa persuna differenti mill-persuna li kien fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reati.

Il-Qorti tqis li sforz u progress bħal dak reġistrat mill-imputat fir-rijabilitazzjoni tiegħu, jimmerita li jiġi mfaħħar u mħeġġeġ u konformement, minkejja l-fedina penali oneruża tiegħu, hi tal-fehma li l-imputat jeħtieġ li jiġi mgħejjun biex dejjem ikompli jtejjeb l-imġieba tiegħu biex jista' jirreintegra fis-socjeta' b'mod effettiv, anke billi inkoraġġit jaħdem fuq il-ħiliet li indubbjament wera li għandu kemm ilu jsegwi l-programm residenzjali u anke qabel: dan kollu biex jerġa' jibni ħajtu, ikun persuna aħjar u jżomm 'il bogħod mill-kriminalita'.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx ħtija għat-tieni, it-tielet u l-ħames imputazzjonijiet, wara li rat l-artikoli 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil STEFANO MONTEBELLO ħati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjoniijiet iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-ħati taħt Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sentejn bil-ghan li jkollu l-għajnuna neċessarja sabiex jindirizza u jegħleb il-vizzju tad-droga u problemi assoċjati fosthom kontroll tar-rabja u taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' Probation mogħtija kontestwalment u li tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, u semgħet ukoll lill-ħati jesprimi r-rieda tiegħu li jikkonforma ruħu mal-ħtiġijiet tal-Ordni ta' *Probation*.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu, biex jinżamm il-bon ordni pubbliku u biex ma jimmolestax lil Diane Degabriele u lil Pietro Degabriele u dan taħt penali ta' elfejn u tliet mitt Euro (€2,300) għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni tal-Probation jintbagħtu lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**